**Domandi preliminari**

L-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

i) l-ANK ma għandhomx il-possibbiltà li jevitaw, fil-prassi tagħhom ta' applikazzjoni ta' instrumenti ddefiniti u adottati min-netwerk Ewropew tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari, il-programm mudell ta' klemenza f'każ bħal dak tal-kawża prinċipali, mingħajr ma dan imur kontra dak li ġie ddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-punti 21 u 22 tas-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2011, Pfleiderer (C-360/09, Ġabra 2011 p. I-5161);

ii) bejn it-talba prinċipali għall-immunità li impriża ppreżentat jew li ser tippreżenta lill-Kummissjoni u t-talba simplifikata għall-immunità li hija ppreżentat lil ANK għall-istess akkordju, teżisti rabta legali b'tali mod li l-ANK – minkejja l-kontenut tal-paragrafu 38 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fil-kuntest tan-netwerk tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni – hija obbligata, skont il-paragrafu 22 tal-programm mudell għan-netwerk tal-2006 (li sar il-paragrafu 24 skont in-numerazzjoni tal-programm mudell għan-netwerk tal-2012) u n-nota ta' spjega 45 (li saret in-nota ta' spjega 49 skont in-numerazzjoni tal-programm mudell għan-netwerk tal-2012) relatata miegħu: a) tevalwa t-talba simplifikata għall-immunità fid-dawl tat-talba prinċipali, u taħt il-kunidzzjoni li t-talba simplifikata tirrifletti b'mod fidil il-kontenut tat-talba prinċipali; b) sussidjarjament – jekk hija tqis li t-talba simplifikata riċevuta għandha kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* iktar strett minn dak tat-talba prinċipali ppreżentata mill-istess impriża, li abbażi tagħha l-Kummissjoni tat l-immunità kundizzjonali lil din l-impriża – tikkuntattja lill-Kummissjoni jew lill-impriża nnifisha, sabiex jiġi stabbilit jekk, wara l-preżentata tat-talba simplifikata, fil-kuntest tat-twettiq tal-missjonijiet tagħha ta' investigazzjonijiet interni, il-Kummissjoni kkonstatatx l-eżistenza ta' eżempji konkreti u speċifiċi ta' aġir fis-settur allegatament kopert mit-talba prinċipali għall-immunità iżda mhux mit-talba simplifikata għall-immunità;

iii) fuq il-bażi tal-paragrafi 3 u 22 sa 24 tal-programm mudell għan-netwerk tal-2006 u tan-noti ta' spejga relatati magħhom 8, 41,45 u 46 u fid-dawl tal-emendi introdotti mill-paragrafi 24 sa 26 tal-programm mudell għan-netwerk tal-2012 u min-noti ta' spjega relatati magħhom 44 u 49, ANK li, fiż-żmien tal-fatti tal-kawża prinċipali, kienet tapplika programm ta' klemenza bħal dak deskritt fl-imsemmija kawża, setgħet legalment tirċievi, għal akkordju sigriet speċifiku li għalih l-ewwel impriża ppreżentat jew ser tippreżenta lill-Kummissjoni talba prinċipali għall-immunità: a) sempliċement talba simplifikata għall-immunità min-naħa ta' din l-impriża jew inkella b) ukoll talbiet simplifikati oħrajn għall-immunità ppreżentati minn impriżi oħrajn, li jkunu ppreżentaw lill-Kummissjoni, b'mod prinċipali, talba għall-immunità "li ma tistax tiġi aċċettata" jiġifieri talba għal tnaqqis tal-multa, b'mod partikolari meta t-talbiet prinċipali ta' dawn l-impriżi tal-aħħar saru wara li l-ewwel impriża ingħatat l-immunità kundizzjonali?

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Karlsruhe (il-Ġermanja) fit-23 ta' Settembru 2014 – Nabiel Peter Bogendorff von Wolffersdorff**

**(Kawża C-438/14)**

(2014/C 462/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Karlsruhe

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Nabiel Peter Bogendorff von Wolffersdorff

*Konvenut:* Standesamt der Stadt Karlsruhe, Zentraler Juristischer Dienst der Stadt Karlsruhe

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 18 TFUE u 21 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtoritajiet ta' Stat Membru huma marbuta jirrikonoxxu l-bidla ta' isem ċittadin tal-imsemmi Stat Membru meta tali ċittadin ikun fl-istess ħin ċittadin ta' Stat Membru ieħor u jkun akkwista, f'dan l-aħħar Stat Membru, matul soġġorn abitwali, isem li huwa għażel liberament u li jinkludi diversi titoli nobbli, permezz ta' bidla fl-isem li ma kinitx relatata ma' bidla fl-istatus skont id-dritt tal-familja, sa fejn fil-futur jista' ma jkunx hemm rabta sostanzjali f'dan l-Istat u sa fejn, fl-ewwel Stat Membru, minkejja li d-dritt kostituzzjonali abolixxa n-nobbiltà, it-titoli nobbli li kienu jintużaw meta saret l-imsemmija abolizzjoni jistgħu jibqgħu jintużaw bħala parti mill-isem?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-College van Beroep voor het bedrijfsleve (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-24 ta' Settembru 2014 – Bayer CropScience SA-NV, Stichting De Bijenstichting vs College voor de toelating van gewasbeschermingsmiddelen en biociden**

**(Kawża C-442/14)**

(2014/C 462/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

College van Beroep voor het bedrijfsleven

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Bayer CropScience SA-NV, Stichting De Bijenstichting

*Konvenuta:* College voor de toelating van gewasbeschermingsmiddelen en biociden

**Domandi preliminari**

1. Id-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 91/414 ([1]), tal-Artikolu 63, moqrija flimkien mal-Artikolu 59 tar-Regolament dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([2]) (Nru 1107/2009, tal-21 ta' Ottubru 2009) u tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 98/8 ([3]) jimplikaw li jeħtieġ li tingħata deċiżjoni fuq talba għall-kunfidenzjalità, kif prevista fl-artikoli ċċitati iktar 'il fuq 14, 63 u 19, minn applikant imsemmi f'dawn l-artikoli, għal kull sors ta' tagħrif, qabel jew waqt l-għoti tal-awtorizzazzjoni, jew qabel jew waqt it-tibdil tal-awtorizzazzjoni, rispettivament, permezz ta' deċiżjoni aċċessibbli għal kull terz interessat?

2. F'każ li tingħata risposta pożittiva għad-domanda preċedenti, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar it-tagħrif ambjentali ([4]) għandu jiġi interpretat fis-sens li fin-nuqqas ta' deċiżjoni bħal dik li hemm riferiment għaliha fid-domanda preċedenti, il-konvenut, fil-kwalità ta' awtorità nazzjonali, għandu jiżvela t-tagħrif ambjentali mitlub, meta tali talba ssir wara l-għoti tal-awtorizzazzjoni jew wara emenda ta' din tal-aħħar rispettivament?

3. Kif għandu jiġi interpretat il-kunċett ta' "emissjonijiet fl-ambjent" fl-Artikolu 4(2), tad-Direttiva dwar it-tagħrif ambjentali, fid-dawl ta' dak li ġie espost mill-partijiet dwar is-suġġett fis-Sezzjoni 5.5 ta' din is-sentenza interlokutorja, b'kunsiderazzjoni għall-kontenut tad-dokumenti deskritt fis-Sezzjoni 5.2?

4. a. Data li tinkludi evalwazzjoni tal-emissjoni ta' prodott, tas-sustanza attiva/sustanzi attivi tiegħu u ta' komponenti oħra fl-ambjent bħala konsegwenza tal-użu ta' prodott tista' titqies bħala "tagħrif dwar l-emissjonijiet fl-ambjent"?

   b. Jekk tingħata risposta pożittiva, il-kwistjoni dwar jekk din id-data inkisbitx permezz ta' (semi) studji fuq il-post jew studji oħra (bħal, pereżempju, studji tal-laboratorju u studji ta' trażlokazzjoni) hija rilevanti?

5. L-istudji tal-laboratorju jistgħu jitqiesu bħala "tagħrif dwar l-emissjonijiet fl-ambjent", meta l-eżami huwa intiż li jeżamina, f'ċirkustanzi standardizzati, aspetti iżolati, billi jeskludi f'dan il-kuntest għadd ta' fatturi – bħal, pereżempju, effetti klimatiċi – u billi juża dożi għoljin, meta mqabbla mal-użu fil-prattika?

6. F'dan il-kuntest, ir-residwi li jkun hemm wara l-applikazzjoni ta' prodott fl-esperiment, pereżempju, fl-arja jew fl-art, fil-weraq, fil-polline jew fil-meraq ta' pjanta (li jirriżulta minn żerriegħa pproċessata), fl-għasel jew fuq organiżmi mhux fil-mira jeħtieġ li jitqiesu wkoll bħala "emissjonijiet fl-ambjent"?